## IL-ĦJENA TA' BEN JUSSUF

*(Ħrafa għarbija)*

Għodwa waħda Ben Jussuf irħielha għas-suq ta' belt fil-qrib biex jara jekk ibigħx baqra u wiżża li huwa kien rabba u semmen.

Huwa u sejjer laħqu l-lejl u, ħin bla waqt, qam riħ tal-waħx, xita bla tehda, ragħad u sajjetti ma tgħoddhomx.

L-imsejken, biex jistkenn, daħal ġo għar li kien hemm. Mita ra li x-xita flok ma hdiet żdiedet, intafa' għal qiegħ l-art biex jorqod—F'nofs il-lejl deherlu bħal ħares u b'leħen li jwaħħax qallu: "Jien ir-ruħ ta' wieħed midfun hawn-hekk. Int inqast mill-qima lejn qabri għalhekk issa nieħdok miegħi d-dinja l-oħra.

Miblugħ Ben Jussuf beda jitolbu: "Aħfirli, jien b'dan ma kontx naf.... Għandi ħames ulied... ħenn għalihom... ħallili ħajti!"

"Għal did-darba kollox sew, wieġeb il-ħares, jekk int tagħmel li ngħidlek: Filgħodu mur is-suq, bigħ l-annimali li għandek miegħek u dak li ġġib mill-bejgħ tal-baqra għandek tonfqu kollu biex tarġa' tqaddes dal-qabar u it-tini l-mistrieħ! Aħlef li tagħmel dan!"

U Ben Jussuf ħalef, hieni li ħelisha ħafif.

L-għada filgħodu l-għarbi fittex telaq għas-suq. Wara ftit resaq raġel lejh u staqsieh kemm irid tal-baqra.

"Ħamest ewwieq," wieġeb Ben Jussuf.

"Għalija!"

"Stenna ftit: jien ħlift li rrid inbigħ flimkien sew il-baqra kemm il-wiżża."

"U tal-wiżża kemm trid?"

"Mitt uqija."

"Wisq, wisq! Nieħu l-baqra biss."

"Kif għedtlek: jew it-tnejn jew xejn."

Ix-xerrej ħasibha ftit u ra li wara kollox jaqbillu u għal-hekk daqqlu l-flus, ħa l-annimali u telaq.

Ben Jussuf tafa' fil-but il-mitt uqija tal-wiżża, u nefaq il-ħamest ewwieq tal-baqra biex jarġa' jqaddes il-qabar tal-ħares, kif kien ħalef.

D.

# Dizzjunarju u kliem ġdid

Kull min hu mħarreġ fil-kitba kien jistennieha li malli l-lsien malti jibda "jitħaddem" bis-sengħa tibda tinħass min-nufih il-ħtieġa ta' kotba letterarji u għalliema. Is-sengħa tit-lob il-għodda; u l-ħaddiem li jħobb ir-reqqa f'xogħlu iħabrek biex jikseb il-għodda li taqdih tajjeb. Iżda meta għodda ma jsibx ikollu jitqanna b'dik li għandu u jħaddem dehnu u ħiltu flok il-għodda li tonqsu.

Il-kittieb malti tal-bidu sab ruħu bħal dak ir-raġel tax-xogħol nieqes minn għodda tajba. Indaħal għal ħidma tqila u mexa bid-dehen. Laqqat u ġabar minn hawn u minn hemm il-kotba li sata' jsib bħala dizzjunarji, grammatki u l-bqija. Xogħlijiet letterarji bil-malti kważi baħħ. Dizzju-narji għandna ta' Vassalli, ta' A.E. Caruana, ta' Falzun u ta' oħrajn. Għand min jinsabu dawn il-kotba huma għeżież daqs il-mimmi tal-għajnejn u mhux għalkemm jitlaqhom minn taħt idejh. U dawn ukoll għalkemm fejjieda huma għodda qadima għax-xejra letterarja tal-lum. Ta' Caruana ilu mitbugħ aktar minn sitta u tletin sena. F'din il-medda ta' snin għalkemm qasira fil-ġrajja tad-dinja kemm ħtiġiet ġodda tnisslu! Ibda mill-*karrozzi tan-nar* kif issemmew fil-bidu *l-awtomobblijiet* jew il-*motors* u asal sar-*radju* u t-*televiżjon* bla ma noqogħdu nsemmu t-tefgħa li ħadu 'l qud-diem is-snajja' kollha u li Sports. Għadiet ġodda jitolbu ismijiet ġodda.

Min jixtieq jikteb bir-*reqqa* jew bis-*safa* jkollu jħabbel moħħu mhux ftit fil-għażla tal-kliem għaliex ma għandux *mera* quddiemu li jurih sewwa liema hija l-kelma l-aktar li *mxiet* u liema hija dik li hi magħduda b'letterarja mit-tajfa tal-kittieba tajbin. Il-lum wisq aktar minn qabel tinħtieġ il-ħidma id f'id u għaqlija ta' kull min hu miġbud għal lsien ġensu u qalbu taħarqu li jarah jirtaqam dejjem aktar.

Talbu oħrajn qabli biex inwessgħu l-kitba maltija. Din it-talba ma kinetx għażiq fl-ilma għaliex minn ftit tas-snin 'l hawn qegħdin nitgħaxxqu bil-ħruġ ta' kotba ta' siwi lette-rarju li ma jista' jiċħdu ħadd. Il-letteratura maltija għal-kemm għadha titwieled qiegħda kull ma tmur tmidd friegħi ġodda u tinfirex f'oqsma li ma tħaddmux qabel. Antolo-ġiji, Rumanzi, Storja, Drammi,Poeżija, Grammatki u ħwejjeġ oħra għandna biex niftaħru. L-Antoloġija tal-Professuri Saydon u Aquilina u l-Grammatka ta' Cremona huma biċċtejn *merja għodda* mitqilhom deheb għall-kittieb malti. Bħala *merja* tal-proża u tal-poeżija għandna lil Temi Zammit, lil Dun